



Dokument ta' sessjoni

A8-0285/2018

11.9.2018

RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistru elettroniku
(COM(2018)0349 – C8-0371/2018 – 2018/0181(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Ivana Maletić

(Proċedura simplifikata – l-Artikolu 50(1) tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-test il-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	7

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistru elettroniku (COM(2018)0349 – C8-0371/2018 – 2018/0181(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2018)0349),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0371/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0285/2018),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistru elettroniku tistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

Dan għandu x'jaqsam mal-awtomatizzazzjoni tas-superviżjoni tal-movimenti ta' prodotti soġġetti għas-sisa li jkunu ġew rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru wieħed u li jkunu qed jiġu trasferiti lejn Stat Membru ieħor biex jitwasslu għal finijiet kummerċjali f'dak l-Istat Membru. L-arranġamenti l-ġodda jirrikjedu r-reġistrazzjoni tal-operaturi ekonomiċi li jmessu l-prodotti msemmija fil-Kapitolu V tad-Direttiva XXX/KE fir-reġistru tal-operaturi ekonomiċi li bħalissa huwa limitat għall-operaturi ekonomiċi li jużaw l-arranġamenti fil-Kapitoli III u IV tad-Direttiva XXX/KE. Din il-proposta timplimenta dan ir-rekwiżit fir-Regolament (UE) Nru 389/2012.

L-għan tal-proposta huwa li tintroduċi l-obbligu ta' reġistrazzjoni tal-operaturi ekonomiċi li jmessu l-prodotti msemmija fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu V tad-Direttiva XXX/KE. Fin-nuqqas ta' dik il-proposta, mhux se tkun tista' ssir l-awtomatizzazzjoni sħiħa tal-movimenti ta' prodotti li jkunu ġew rilaxxati għall-konsum. Barra minn hekk, din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza permezz tad-dispożizzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data li tinsab fir-Regolament (UE) Nru 389/2012.

L-impatt fuq il-baġit bl-iżvilupp u l-operat ċentrali ta' servizz ġdid estiż se jkun kopert mill-baġit tal-programm FISCALIS fl-appropriazzjonijiet diġà previsti fl-ipprogrammar finanzjarju uffiċjali. Ma hemm bżonn l-ebda riżorsa addizzjonali mill-baġit tal-UE. Barra minn hekk, din l-inizjattiva mhix beħsiebha tippreġudika l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

Il-proposta temenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament biex tinkludi żewġ kategoriji ġodda ta' operaturi ekonomiċi: spedituri ċċertifikati, li huma rreġistrati bħala spedituri għall-prodotti soġġetti għas-sisa li jkunu diġà ġew irrilaxxati għall-konsum u destinatarji ċċertifikati li huma rreġistrati bħala destinatarji għall-prodotti soġġetti għas-sisa li jkunu diġà ġew irrilaxxati għall-konsum. Il-magazzinieri awtorizzati u l-ispedituri rreġistrati se jkollhom il-possibbiltà li jaġixxu bħala spedituri ċċertifikati filwaqt li l-magazzinieri awtorizzati u d-destinatarji rreġistrati se jkunu jistgħu jaġixxu bħala destinatarji rreġistrati. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jridu jiġu infurmati dwar dak il-fatt u jenħtieġ li din l-informazzjoni tiġi inkluża wkoll fir-reġistru.

Barra minn hekk, skont il-proposta, ir-reġistru elettroniku se jinkludi informazzjoni dwar id-dritt tal-ispeditur irreġistrat li ma jimlix l-entrati tad-destinazzjoni fl-abbozz tad-dokument amministrattiv elettroniku f'każ ta' moviment ta' prodotti tal-enerġija taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju bil-baħar jew bil-passaġġi fuq l-ilma interni. Skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva XXX/KE, il-magazzinier awtorizzat u l-ispeditur irreġistrat jistgħu jħallu barra l-entrata tad-destinazzjoni. Bħalissa, fir-Regolament (UE) Nru 389/2012, ir-reġistru ċentrali jinkludi din l-informazzjoni dwar l-entrata tad-destinazzjoni vojta fil-każ ta' magazzinier awtorizzat biss.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistru elettroniku
Referenzi	COM(2018)0349 – C8-0371/2018 – 2018/0181(CNS)
Data meta ġie kkonsultat il-PE	12.7.2018
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 10.9.2018
Rapporteurs Data tal-ħatra	Ivana Maletić 20.6.2018
Proċedura simplifikata – data tad-deċiżjoni	29.8.2018
Eżami fil-kumitat	29.8.2018
Data tal-adozzjoni	7.9.2018
Data tat-tressiq	11.9.2018